

32006D0731

L 299/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.10.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ottubru 2006

**dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni tar-referenza ta' l-istandard EN 13000:2004 "Krejnijiet – Krejnijiet mhux fissi" b'konformità mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5059)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/731/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(CEN) fit-22 ta' April 2004 li s'issa r-referenza tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. għadha ma ġietx ippubblikata.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-makkinarju <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-kumitat permanenti stabbilit bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li jistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' tagħrif fil-qasam ta' l-istandards tekniċi u regolamenti u ta' regoli dwar Servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika <sup>(2)</sup>.

Billi:

(1) Fejn standard nazzjonali li jittrasponi standard armonizzat li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ikopri rekwiżit essenzjali wieħed jew aktar ta' saħħa u sigurtà stabbilit/i fl-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE, il-magna mibnija b'konformità ma' dan l-istandard titqies li tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali kkonċernati.

(2) Skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 98/37/KE, il-Ġermanja ressqet ilment formali dwar l-istandard EN 13000:2004, adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni

(3) Wara li eżaminat l-istandard EN 13000:2004, il-Kummissjoni stabbiliet li dan ma jissodisfax bosta rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà ta' l-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE, jiġifieri r-rekwiżit 4.2.1.4 (kontroll tat-tagħbija) flimkien mar-rekwiżiti 1.1.2(c) (prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà), 1.2.5 (għażla ta' mod ta' kontroll), 1.3.1 (stabilità), 4.1.2.1 (riskji minħabba nuqqas ta' stabilità) u 4.1.2.3 (saħħa mekkanika). B'mod speċifiku, dwar il-klawsoli 4.2.6.3.1, 4.2.6.3.2 u 4.2.6.3.3 ta' l-istandard, il-miżuri ddefiniti għaddisinn u l-konstruzzjoni ta' krejnijiet mhux fissi ma jggarantux livell għoli biżżejjed ta' sigurtà għall-użu previst tal-prodott. B'mod partikolari, l-istandard ma jispeċifikax miżuri ta' ħarsien xierqa li ma jħallux li jsir użu ħażin tat-tagħmir ta' bbriggjar għal-limitatur tal-kapaċità kkalkulat.

(4) Fisem is-sigurtà u ċ-ċertezza legali, il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea tar-referenza ta' l-istandard għandha tkun akkumpanjata minn twissija xierqa.

<sup>(1)</sup> ĠU L 207, 23.8.1998, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 98/79/KE (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' Adeżjoni 2003.

(5) L-Istati Membri għandhom iżidu twissija identika fl-istandards nazzjonali tagħhom li jittrasponu l-istandard EN 13000:2004,

ADDOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tar-referenzi ta' l-istandard EN 13000:2004 "Krejnijiet – Krejnijiet mhux fissi" għandha tiġi stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Fejn, skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 98/37/KE, l-Istati Membri jippubblikaw ir-referenzi ta' standard nazzjonali li jittrasponi l-istandard armonizzat EN 13000:2004, għandhom

iżidu ma' din il-pubblikazzjoni twissija identika għal dik stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 27 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Günter VERHEUGEN

*Vċi-President tal-Kummissjoni*

## ANNESS

“(Pubblikazzjoni ta' titoli u referenzi ta' standards armonizzati Ewropej taħt id-Direttiva)

| ESO <sup>(1)</sup> | Referenza u titolu ta' l-istandard armonizzat<br>(u dokument ta' referenza) | L-ewwel<br>Pubblikazzjoni<br>ĠU          | Referenza ta'<br>standard<br>mibdul | Data ta' waqfien<br>ta' suppożizzjoni<br>ta' konformità ta'<br>l-istandard<br>mibdul<br>Nota 1 |
|--------------------|-----------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------|-------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------|
| CEN                | EN 13000:2004<br>'Krejnijiet – Krejnijiet mhux fissi'                       | Din hija l-<br>ewwel pub-<br>blikazzjoni | —                                   |                                                                                                |

Twissija: Din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawsoli 4.2.6.3.1, 4.2.6.3.2 u 4.2.6.3.3 ta' dan l-istandard li l-applikazzjoni tiegħu ma tfissirx suppożizzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali ta' saħħa u sigurtà 4.2.1.4 ta' l-Anness I tad-Direttiva 98/37/KE flimkien mar-rekwiżiti 1.1.2(c), 1.2.5, 1.3.1, 4.1.2.1 u 4.1.2.3 ta' dan l-Anness.

(<sup>1</sup>) ESO: European Standardisation Organisation:

- CEN: rue de Stassart 36, B-1050 Brussels, Tel. (32-2) 550 08 11; Fax (32-2) 550 08 19 (<http://www.cenorm.be>)
- CENELEC: rue de Stassart 35, B-1050 Brussels, Tel. (32-2) 519 68 71; Fax (32-2) 519 69 19 (<http://www.cenelec.org>)
- ETSI: 650, route des Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis, Tel. (33) 492 94 42 00; Fax (33) 493 65 47 16 (<http://www.etsi.org>)

- Nota 1** B'mod ġenerali d-data ta' waqfien ta' suppożizzjoni ta' konformità se tkun id-data ta' rtirar ('dow' – date of withdrawal), stabbilita mill-Għaqda ta' Standardizzazzjoni Ewropea, iżda qed tinġibed l-attenzjoni ta' min juża dawn l-istandards għall-fatt li f'ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.
- Nota 2.1** L-istandard il-ġdid (jew l-emendat) għandu l-istess skop bħall-istandard mibdul. Fid-data msemmija, l-istandard mibdul ma jkunx fih aktar suppożizzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-direttiva.
- Nota 3** F'każ ta' emendi, l-istandard referenzjat huwa EN CCCC:YYYY, l-emendi tiegħu ta' qabel, jekk ikun hemm, u l-emenda l-ġdida kkwotata. L-istandard mibdul (kolonna 3) għalhekk jikkonsisti f'EN CCCC:YYYY u l-emendi tiegħu ta' qabel, jekk ikun hemm, iżda mingħajr l-emenda l-ġdida kkwotata. Fid-data msemmija, l-istandard mibdul ma jkunx fih aktar suppożizzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-direttiva.
- Nota 4** Is-suppożizzjoni ta' konformità għal xi prodott tinkiseb b'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti 1 u l-Parti 2 rilevanti meta din il-Parti 2 tkun elenkata wkoll fil-ĠU taħt id-Direttiva 98/37/KE.

## NOTA:

- Kull informazzjoni li tikkonċerna d-disponibilità ta' l-istandards tista' tinkiseb jew mill-Għaqdiet ta' l-Istandardizzazzjoni Ewropej jew mill-korpijiet ta' l-istandardizzazzjoni nazzjonali li tagħhom hija annessa l-lista fid-Direttiva 98/34/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill emendata bid-Direttiva 98/48/KE <sup>(2)</sup>.
- Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Komunità.
- Din il-lista hija minflok il-listi kollha ta' qabel ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Aktar tagħrif dwar l-istandards armonizzati fuq l-Internet

<http://europa.eu.int/comm/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/>

(<sup>1</sup>)ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(<sup>2</sup>)ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18.”